MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 55/2010

**A B f' isimha proprju**
**u f' isem bintha C B D**
**u dan permezz ta' digriet tas-16 ta' Frar 2010**
**vs**
**E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet: illi minn relazzjoni li hi kellha mal-konvenut twildet tifla C fit-23 ta' Mejju 2006, u li hi ghandha l-kura u l-kustodja taghha; illi missier il-minuri, il-konvenut, beda jhallas manteniment ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar minn meta rrikonoxxa t-tifla u dan kien f'Gunju 2009; izda ghalkemm ghandu l-mezzi l-konvenut la jrid izied din ir-retta alimentari u lanqas ihallas arretrati; illi l-esponenti ma tahdimx u tircievi l-ghajnuna socjali u wkoll ghajnuna barranija ta' xi ikel u hwejjeg minghand terzi persuni;

Ghaldaqstant l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti sabiex (1) tifissa retta alimentari xierqa ghal E; (2) tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentari hekk iffissata; (3) tikkundanna l-konvenut ihallas l-arretrati kollha ta' manteniment mid-data tat-twelied ta' bintu;  bl-ispejjes kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha: hu kkonferma li mir-relazzjoni li kellu ma' l-attrici twieldet tifla C fit-23 ta' Mejju, 2006 liema tifla giet debitament rikonoxxuta mill-konvenut permezz ta' kuntratt fl-atti tat-3 ta' Gunju, 2009 tan-Nutar Dottor Stephanie Psaila u li hu kien beda jhallas is-somma ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar bhala manteniment ghal bintu minn mindu rrikonoxxa t-tifla u dan kien skond ir-rikjesta tal-attrici u l-ftehiem bonarju ta' bejniethom wara li kkonsidraw il-mezzi tal-konvenut; ghall-varjazzjoni ta' dan il-manteniment, il-konvenut ma joggezzjonax jekk din varjazzjoni tirrifletti u tiehu in kunsiderazzjoni: n-nuqqas ta' mezzi tieghu minhabba li l-hanut li jopera bi shab ma' haddiehor mhux sejjer tajjeb, li l-attrici minkejja li tilmenta mis-sitwazzjoni finanzjarja taghha ma tantx ghandha interess li tahdem;  li fir-rigward tat-talba attrici ghall-hlas tal-'*arretrati kollha ta' manteniment'* din it-talba ma tistax tintlaqa' ghaliex il-kovenut kien qed ihallas konsistentament, il-manteniment maqbul bonarjament benjniethom u ghaliex il-konvenut ghandu nuqqas ta' mezzi finanzjarji u dan in vista ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);  bl-ispejjes kontra l-attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentati;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob in sustanza li l-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentari xierqa ghat-tifla minuri, kif ukoll l-arretrati mid-data tat-twelid jigifieri minn Mejju 2006;

Il-konvenut waqt li ma joggezzjonax ghall-varjazzjoni ta' dan il-manteniment sakemm jigi kkunsidrat l-istat finanzjarju tieghu u l-fatt li l-attrici tista' tmur tahdem, jopponi ghall-hlas tal-arretrati kollha ta' mantemiment

peress li hu kien qed ihallas manteniment ghal dawn l-ahhar sentejn.

**Konsiderazzjonijiet**
Illi skond il-ligi l-genituri ghandhom obbligi ndaqs fil-konfront ta’ uliedhom, kemm jekk dawn jitwieldu fiz-zwieg kemm jekk jitwieldu barra z-zwieg, u it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwizxxu ghat-trobbija tal-istess; kemm jekk finanzjarjament biss, kemm jekk fil-forma tat-trobbija taghhom.

Illi fil-kaz in dizamina, jirrizulta mill-provi prodotti li l-partijiet ghandhom tifla li twieldet fit-23 ta’ Mejju 2006. Din ir-relazzjoni tterminat mat-twelied tat-tarbija, u l-konvenut irrikonoxxa lit-tarbija meta din kellha tlett snin. Minn dak iz-zmien il-partijiet ftehmu bonarjament li l-konvenut jibda jhallas manteniment ta’ €50 fix-xahar. Skond digriet moghti p*endente lite* dan l-ammont zdiet ghall €140 fix-xahar.

L-attrici qatt ma hadmet, tghix bl-ghajuna socjali u tircievi fix-xahar *circa* €170 li jinkludi wkoll *Allowance* ta’ €22.23 li tircievi ghat-tifel iehor li ghandha. Hi tikkalkola li ghall-minuri nefqet somma sostanzjali ta’ *circa* €3,000 fis-sena liema nefqa ma gietx ikkonfermata b’ricevuti.

Il-konvenut minn naha tieghu ghandu negozju li, skond hu, mhux sejjer tajjeb fil-prezent; u permezz tad-dokumenti pprezentati jidher li n-negozju tal-konvenut ghal dawn l-ahhar sentejn ghamel qligh ta’ *circa* €700 fix-xahar li minnhom irrid jithallas il-kera tad-dar fejn joqoghod u d-dejn mal-bank.

**Manteniment**
Illi l-Qorti, wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghamlet l-apprezzament taghhom fuq bazi ta’ verosimiljanza, hija tal-fehema li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifla tieghu minuri billi jhallas lill-attrici retta alimentarja mensili ta’ mija u erbghin ewro [€140], liema ammont jinkludi spejjez edukattivi, u dawk ta’ sahha, ta’ natura ordinarja. Dan il-manteniment jibqa’ jithallas sakemm it-tifla jsir maggjorenni jew tibda

tahdem bi qligh adegwat u regolari, liema jigi l-ewwel. Ghandu wkoll jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja kif muri fl-indici ufficjali tal-gvern.

Il-manteniment ghandu jithallas fl-ewwel ta’ kull xahar u jintbaghat lill-attrici fir-rezidenza taghha.

Il-konvenut huwa wkoll ordnat li jhallas lill-attrici s-somma ta’ tlett elef u sitt mitt ewro [€3,600] kalkolata fuq rata mensili ta’ €100, u dana bhala manteniment arretrat minn Mejju 2006 sa Gunju 2009.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba, fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment;
[2] tilqa’ t-tieni talba;
[3] tilqa’ it-tielet talba, u tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici bhala manteniment arretrat it-total ta’ tlett elef u sitt mitt ewro [€3,600].

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------